# X'Hemm moħbi fi "L-'Jien' u Lilhinn Minnu" ta' Dun Karm*

U jiena rajt, Mulej, b'kemm għajb jittabba'
Il-Għerf tal-Bniedem, jekk ma jkunx imwieżen
Mill-Kelma tajba li taf tgħid l-Imħabba.

DUN KARM—*Hajr u Talb.*

Il-ġmiel u l-għana tal-poeżija ta' Foscolo ħajruh, l-imħabba lejn Artu u Lsienha ħeġġuh wix-xewqa li jibni tifkira dejjiema lil M. A. Vassalli li, kienu x'kienu ħtijietu, "kien ħabb lil Malta b'qalbu kollha" (1) ġagħlitu jidħol għal biċċa xogħol mhix tqila bil-ftit. Dun Karm, il-poeta tagħna, beda jaqleb għall-Malti *"I Sepolcri"* ta' Ugo Foscolo. Waqt din il-ħidma il-poeta Malti kien jitgħaxxaq u jitpaxxa bil-ġmiel tas-sengħa, bil-versi jiġru ħfief jew jitnikkru biex ifissru 'l ħsieb, b'ritmu liema bħalu, bi kliem magħżul u mqiegħed f'imkienu, bit-tifkiriet ta' nies il-Qedem u t'issa li ħabirku biex igħinu 'l Arthom, bit-tagħlim fejjiedi li l-poeta Taljan jislet mill-Oqbra. Iżda bħala poeta Kattolku u Qassis tal-Knisja ta' Kristu ma setax joqgħod għall-filosofija pagana ta' Foscolo li ma jisletx għajr tagħlima waħda minn dawn l-oqbra tal-kbar:

Għal' ħwejjeġ kbar lis-sider qawwi jħeġġu
l-oqbra tal-qawwijin, o Pindemonte,
u jagħmlu sbejħa, f'ħarset min iżurhom
u mbierka l-art illi tħaddanhom."

Il-Foscolo ma jmurx 'l hemm mill-qabar u fil-waqt li juri x'jistgħu jiswew dawn l-oqbra sbieħ għall-ħajjin, ma jgħidilniex

---

* *4 ta' Novembru, 1940*

*"Għażiż Karmenu Sant,*

*Jiena qrajt mill-aħjar li stajt ix-xogħol tiegħek fuq "L-Jien ecc." tiegħi. Jidhirli li inti dħalt ġmielek fil-ħsibijiet tiegħi u naħseb illi din il-biċċa xogħol tkun ta' fejda għal dawk kollha li jħobbu l-poeżija Maltija, l-aktar għal dawk li jridu jitħejjew għal xi eżami.*

..................................................................................................

MONS. DUN KARM PSAILA"

(I) Dun Karm: "*L-Oqbra*" p. 10.

x'jiswew għall-mejtin infushom jonkella x'sar minn dawn innies kbar.

> "Għaliex minnu,
> o Pindemonte, illi t-Tama, l-aħħar
> dija li tmut, taħrab ukoll mill-oqbra..."

Minn dawn għandna nieħdu li f'ruħ Dun Karm kien hemm taqbida bejn il-ferħ li kien q'ed jieħu bis-sengħa win-niket illi filosofija nieqsa mill-faraġ tar-reliġjon sħiħa tista' ġġib fuq ruħ il-bniedem. Minn din it-taqtigħa twieldet "L-'Jien' u lilhinn minnu".

F'dan il-poema nsibu miġbura taħt is-satra ta' versi sbieħ u sengħa tal-kelma l-istorja mqallba ta' Ħsieb il-Bniedem : jurina l-poeta kemm tħabat il-bniedem, u għadu jitħabat għalxejn, biex bid-dehen tiegħu biss ifassal filosofija ta' ħajja hienja u jeqred il-biża' tal-mewt minn ġo qalbu, u jifhem il-misterji kbar tal-Ħolqien. F'dan il-poema Dun Karm itina din il-għamla ta' filosofija fit-Tagħlim tal-Knisja Kattolka li tiġbor fiha t-tajjeb kollu ta' kull għamla ta' filosofija u ta' reliġjon oħra.

Kif xbihet ix-xemx tinġabar ġo daqsxejn ta' ħġieġa, hekk, il-poeta jintebaħ illi ġrajjiet Ħsieb il-Bniedem hi miġbura f'ċokon ġrajjietu. Għalhekk iġibilna quddiem għajnejna x'ġarrab hu fi ħsiebu u minnhom jislet it-tagħlim meħtieġ. Jiftakar fi tfulitu u f'żogħżitu meta qatt ma ħabbat rasu fuq il-ħwejjeġ mostura ta' ħajjitna għax dejjem qagħad fuq it-tagħlim sempliċi ta' ommu li għalmitu illi 'l fuq mill-bniedem hemm Alla li jħobb u jmexxi 'l kulħadd. Dan iż-żagħżugħ qatt ma ħaqarha fi ħsiebu

> "għax ommi kienet safja u deh'nha qawwi
> u jien ħabbejtha kif iħobb poeta."

Issa ż-żagħżugħ sar raġel u tilef 'l ommu u magħha kelmitha kollha faraġ. Ħsiebu ddellel bit-tħewdin li jiġi mill-firda dejjiema ta' żewġt iqlub marbuta bil-qawwa ta' l-Imħabba. Il-mewt turik il-ħajja minn ħafna naħat u tnebbħek b'ħafna misterji li mhux la kemm tifhimhom. Minn dak in-nhar tilef it-tweżin li kien hemm bejn dehnu u qalbu.

Il-moħħ li jaħseb u jqis illi kollox għandu l-bidu u t-tmiem tiegħu jrid jifhem u jaħkem kollox. Fil-waqt li l-qalb, li f'Imħabbitha u f'xewqatha hi bla tarf, iżżomm illi hemm xi Ħaġa, jew xi Ħadd, akbar u ogħla mill-moħħ li ma tifhimhiex malajr, jekk qatt tista' tifhimha. Fl-aħħar dawn it-tnejn iddaqqsu u twieżnu bejniethom u l-poeta sab ruħu ħieles biex jagħżel waħda minn żewġ triqat li dehru quddiemu :

"Kif wieħed li fil-mixi, jasal f'naħa
li t-triq tinferaq f'żewġ fergħat u l-ebda
wiri ma jgħidlu liema t-tajba, jieqaf
u b'għajnejh u b'widnejh xewqan jistaqsi
jekk ewwilla fil-bogħ'd tidherx xi xbiha
ta' Dar-il-Hena u jekk idoqqx xi leħen
ħabib li jgħidlu: "Din it-trejqa tiegħek",
hekk jiena wqaft ħusbien fuq dik ix-xewka
fejn tinferaq fi tnejn it-triq tal-Ħajja,
it-triq tal-JIEN u t-triq ta' LILHINN MINNU."

Waqt li kien f'dan il-ħal dehret quddiemu xbihet ommu. Ftakar fl-Imgħoddi u fl-Imħabba ta' bejniethom u ntebaħ li għalkemm mifrud minnha hu kien għadu jħobbha u jħoss li hi għadha tħobbu,

"Għalkemm siekta fid-dlam ta' qabar ċkejken"

Minn hawn intebaħ li jekk l-Imħabba li ġejja mill-qalb tmur 'l hemm mill-qabar u ma tmutx ma jistax ikun li m'hemmx xi Ħaġa, jew xi Ħadd, li timraħ fuq il-Ħolqien u li tisboq iż-Żmien u l-Wisa':

"għax, jekk min sawwar din il-qalb, u fiha.
kebbes xewqat akbar miż-Żmien u l-Wisa',
jiċħdilha t-temma, jiċħad lilu n-nifsu,
u mhux ħabib tas-Sewwa"

Is-sliem reġa' f'daru u ħass ruħu li q'ed jifhem kollox:

Jekk trid ġo ħsiebek
is-sliema u l-hena ġewwa qalbek, "EMMEN!"

"*Credo ut intelligam*" igħidilna S. Wistin.

Ta' mgħallem li hu l-poeta l-ewwel ma jġibilna quddiemna hi x-xbiha tal-bniedem ta' daż-żmien, li ma jafx fejn jaqbad jagħti rasu. Dan il-bniedem jidhirlu li jista' u jrid b'dehnu *biss* jifhem in-nisġa ta' l-għaġeb tal-ħolqien u jfassal għamla ta' filosofija tal-ħajja li thennih f'din ħajtu "*maħruba f'qasir żmien*" u ssaħħanlu r-reżħa tal-qabar. Tgħarbel il-ħolqien u tfasslu ħafna filosofijiet b'dan il-għan, iżda qatt ma qablu bejniethom: sistema thedded, tħott u ġġarraf dak li l-oħra fasslet, ħejjiet u bniet. Quddiem dan it-tqallib fi Ħsieb il-Bniedem Herr Spengler kiteb: "*M'hemmx verità dejjiema. Kull tagħlim hu t-tifsira ta' żmienu, u m'hemmx żewġ żmenijiet li jaqblu b'fehmet tagħlimhom*" (1). Mhux ta' b'xejn illi tħawdu

(1) O. Spengler, *Der Untergang der Abendlandes*, Qlib fl-Ingliż 1926-28 Vol. I p. 18.

l-imħuħ ta' ħafna, mqar għorrief. Barra dan dawn il-filosofijiet dejjem ħallew xi baħħ u għalhekk insibu li kull min ħaddan xi waħda minnhom qatt ma sata' jgħid *"issa ma jonqosni xejn."* L-ebda sistema ma tfisser tajjeb x'inhi l-mewt: jekk hix xi bidla għall-aħjar jew għall-agħar jonkella jekk wara l-mewt jispiċċax kollox. Għalhekk il-bniedem wara dawn l-eluf ta' snin tà' ġrajjiet il-Ħsieb għadu jistaqsi mnikket:

"Għajjew għajnejja tħares bla ma tara,
u qalbi nfniet. Min sa jagħtini l-hena
tad-dawl sabiħ? Min sa jurini t-trejqa
li twassalni xi mkien fejn hemm il-milja
tax-xewqa kbira li taħfili 'l ħajti?"

Sfalu fix-xejn it-tħabrik u t-taħbit biex jifhem il-ħolqien u l-għaliex tiegħu. Ħaseb u ma ħalliex ġebla f'imkienha biex jara x'tostor. Ħares lejn il-ħlejjaq ta' l-art li quddiemhom in-nies bikrija kienet tinżel għar-rkobbtejha u lejn il-kwiekeb wixxmux mixħuta fil-wisa' bl-eluf mnejn, kif fissru x'uħud mill-għorrief Griegi, ġejjin l-erwieħ tal-bnedmin. Kollu ta' xejn. Il-bniedem tnikket u ma sabx faraġ u baqa' jixxengel minn hemm għal hawn bla heda. B'daqshekk imma l-ħolqien ma bidelx ir-ritmu tiegħu: l-agħsafar baqgħu jgħannu u l-baħar iħaxwex, donnu jrid ifakkar lil din il-ħliqa li trid taf illi hemm verità waħda li ma titbiddel qatt u li hu jinħtieġlu jsib biex jithenna.

Xempju ta' bniedem illi qatt ma sata' jsib filosofija tajba hu l-Foscolo. Tagħlima waħda biss kellu l-ħila jislet mill-oqbra tal-kbar: imħabba u ħidma f'ġieħ Art Twelidna. Il-baħħ l-ieħor, iġifieri x'sar minn dawk il-mejta nfushom ma jgħidx għax donnu jibża' mill-mewt u l-anqas biss irid jagħti l-inqas ħjiel ta' dak li ġġib magħha. Hawn il-Foscolo jitbiegħed qatigħ mill-imgħalma tiegħu l-Griegi wir-Rumani illi qatt ma stmerrew li jħaqqu u jħambqu fuq il-mewt u x'jiġri wara, għalkemm kollu minnu li ma qablux bejniethom. Imma x'jiswa li Foscolo jgħid li l-mejta jibqgħu ħajja fil-ġieħ li tagħtihom Arthom jekk hu in-nifsu jgħid li hi ħolma biex tfarraġna:

"Iżda qabel il-waqt, għaliex il-bniedem
lilu n-nifsu jmur jiċħad dik il-ħolma
li twaqqfu, wara l-mewt fil-bieb ta' Dite?"

Daqsxejn tal-ħsieb u l-inqas ħjiel ta' ġrajjiet id-dinja juruna illi mhux minn dejjem kien hekk. Barra l-fdalijiet li ħalla wrajh il-bniedem bikri, għad għandna quddiem għajnejna l-ħajja, id-drawwiet wid-Din tar-razez ta' l-Affrika u bnadijiet oħra li aktarx għadhom igħixu bħal ta' qbilhom, biex juruna il-filosofija sempliċi u sabiħa, għalkemm nieqsa, li kellu fil-

bidu l-bniedem biex ifisser kollox. Kienu jaħsbu min b'mod u minn b'ieħor li hemm Setgħa li tmexxi kollox. Kienu jaraw din is-Setgħa fix-xemx ta' bin-nhar u fil-Qamar lejli, fil-warda mfewħa u fit-tgelgil tax-xmara, fil-lellux u fil-balluta u fihom infushom u 'l dawn kienu jqimu. Hekk qassis ta' Dakota qal: *Il-għamliet li naraw m'huma xejn ħlief it-turija ta' setgħa divina. Għaliex kull ħaġa għandha ruħ u din ir-ruħ hija Wakan (setgħa divina) li tiġi minn Wakan, akbar mill-bniedem, bħalma l-bniedem hu ogħla mill-bhima*" (1). U l-Maori jqisu l-ħolqien xbiha ta' l-allat. Minn dawn is-setgħat huma kienu jibżgħu; imma lilhom kienu jitolbu għajnuna, kif igħidilna missjunarju Franċiż fil-Kanada, "*fil-masġar, fil-kaċċa, fuq l-ibħra, huma jitolbuh 'għinhom*" (2)

Filosofija xi ftit tajba kellu l-bniedem bikri, u kienet tfarrġu kif jgħid il-poeta:

"Meta żugħżiti kienet għadha miegħi
u minn ħarsti, minn kelmti u minn mixjiti
kienet taqbeż is-saħħa, oh x'nida ħelwa
ta' ferħ, ta' sliema kont ixxerred fuqi,
ja tama tas-smewwiet! "

iżda kien fiha xi ħaġa nieqsa u xi ħaġa żejda, billi kien fiha l-qima lill-ħlejjaq u mhux lil Alla ħaj. Mexa l-bniedem fit-tagħlim; xejjen darba għal dejjem il-ħażin li kien fiha; tkabbar bih in-nifsu; ried iqiegħed ruħu fuq il-ħolqien kollu u deherlu li għandu jifhmu. Deherlu li b'dehnu u b'għerfu jista' jofroq l-istar kollu li jaħbilu dik jew din il-biċċa tal-Ħolqien.

Minn hawn bdiet is-sensiela ta' filosofijiet li aktar għajjew l-imħuħ milli serħuhom, billi l-ebda waħda ma qablet ma' l-oħra, u bdew jaraw ħolma ż-żmenijiet l-imgħoddija u sejħul-"*Żmenijiet Imdiehba*".

"Mhix ħolma ewwilla
dik it-Tjieba Ħanina li għallmitni
ommi fl-iskola ta' ħoġorha, meta
tfajjel daħkani ma kontx naf ħaġa oħra
ħlief inħares f'għajnejha u fit-tbissima
ta' fommha u kienu dawk il-ġenna waħda
ta' ħsiebi u qalbi?"

Dan li ġieb it-tagħlim materjali mingħajr it-tagħlim spiritwali. B'danakollu is-sentiment reliġjuż ma nqatilx, iżda

---

(1) C. Dawson: *Religion and Progress*. P. 86.
(2) Père Lallemant, *Relation* p. 77 fil-"*Myth, Ritual and Religion*" ta' A. Lang. II, 68.

nħonoq. Miżrugħ fil-fond wisq u għeruqu huma magħġuna ħaġa waħda mal-bniedem:

"Iżda lil ommi ma ħqarthiex fi ħsiebi,
għax ommi kienet safja u deh'nha qawwi
u jien ħabbejtha kif iħobb. poeta."

Hekk naraw li għalkemm ir-riforma Protestanti wir-Rivoluzjoni Franċiża qerdu l-għaqda li kienet issaltan fl-Ewropa taħt il-ġewnaħ ħanin tal-Knisja Kattolka, ma qerdux il-ġibda li l-ġnus kellhom għal Tagħlim il-Knisja. Meta kienet waslet biex tinqered darba għal dejjem iċ-ċiviltà ta' l-Ewropa, għorrief bħal Burke u Chateaubriand stqarrew illi l-Kristjaneżmu biss jista' jeħles il-bqija taċ-Ċiviltà, sew sew kif qed naraw issa fi żmienna. Imqar rivoluzjonarji nfishom mietu bil-kelma 'Alla' fuq fommhom. Bħal dawn ir-rivoluzjonarji Franċiżi ġralu Foscolo li ried jibni reliġjon imsejsa fuq 'ħolma':

"Ah iwa! minn di' is-sikta
qaddisa, leħen tas-smewwiet jitkellem:
u kien jgħajjex għall-Persi, f'Maratona
fejn lir-Rġiel tagħha ħatret oqbra Ateni,
il-ħila griega u magħha l-qilla."

It-Tama u l-Imħabba huma bħal żewġ xtejliet dgħajfa li jeħtieġu ħamrija tajba, sħana kemmxejn u rdoss mill-irwiefen. Għaldaqshekk intilfet it-Tama, u magħha l-Imħabba mid-dinja. Ġejna wiċċ-imb-wiċċ mal-misterji ta' ħajjitna, fil-waqt li 'ċċaħħadna mis-sħana tar-reliġjon, kienet x'kienet, li fl-imgħoddi tatna xi ħajta dawl fuqhom.

Il-firda dejjiema ta' żewġt iqlub, iġifieri l-mewt, turik il-ħajja minn ħafna bnadi.

"Il-bidu mnejn? It-temma fejn? x'ifissru
it-Tajjeb u l-Ħażin fl-insiġ ta' ħajja
maħruba f'qasir żmien?"

Aktar ma ridna ninsew 'il-mewt aktar resqet lejna w aħna ħarisna bl-ikreh lejha. Għorrief qodma ħasbu u fasslu ħafna tifsiriet biex iħennuna. Min qal ħaġa u min qal oħra. Platun qalilna li ruħ il-bniedem hekk jew hekk wara l-mewt tmur tgħammar fil-kwiekeb mnejn ġiet; hekk ukoll qalilna Ċiċerun, imma tbiegħed minn l-ieħor billi qal li jinħtieġ li l-bniedem qabel xejn jaqdi dmiru lejn Artu. Oħrajn bħal Epikurju u Lukrezju qalu li wara l-mewt ma jiġri xejn imma jispiċċa kollox qisu qatt ma kien. B'dana kollu kullimkien lemħu il-mewt: fil-waqa' u l-irdim tal-weraq isfar u fiż-żjajjar liċ-ċimiteri, għelm tar-rabta bejn il-ħajjin u l-mejtin, li wkoll Foscolo

ra għalkemm mhux fil-lewn sewwa tagħha. U ntebħu wkoll illi flimkien mal-mewt hemm minsuġa l-ħajja :

"Minn ġo ħarruba
tasal il-għanja ta' bufula. Mgħaġġeb
indawwar ħarsti u nara lill-għasfura
ċkejkna tittajjar minn għasluġ għallieħor,
fuq ruħha, lventa, u fuq kull fergħa tgħanni.
"Fil-għera tal-ħarifa, taħt is-sema
iswed bi sħab li jibki, din il-għanja
ta' ferħ xi trid ? Meta ġo qalbi jagħli
id-dmugħ u jaqbeż minn għajnejja u l-ebda
ħniena ma twieġeb għat-tnehida tiegħi
x'inhu li jgħaxxaq u bil-ferħ ixabba'
lil din il-ħlejqa li ma tafx dinja oħra
ħlief lill-ħarruba u xiber art madwara ? "

Imħabba dan it-thewdin insibu li l-bnedmin bdew iħarsu lejn il-ħolqien bħala alla u bdew jiktbu Natura w Univers b'ittra kbira. Hekk kienu Wordsworth, Rosseau, Robespierre u oħrajn.

Din il-firda ma kellhiex tibqa' għal dejjem. It-tiġrib li minnu għadda l-bniedem għandu ħafna x'jgħallem. L-imġarrab għal mistoqsija :

"Egħref mill-bniedem dan l-għasfur li jgħanni
fuq il-ħerba tal-mewt bla biża' tagħha ? "

wiġeb bi kliem għoli u sabiħ :

"Kbira bosta
u mkabbra l-mistoqsija. Taħseb inti
li tista' tgħarrex fil-ħolqien u tifhem
in-nisġa tiegħu ? Meta qatt il-baħar
seta jinġabar f'qoxra ta' ġellewża,
jew ġo ħafna ta' id tidħol id-dinja ?
Inti tal-bieraħ. Meta id l-Imgħallem
ħażżet fil-wisa t-triq lix-xmux u 'l-kwiekeb
u xeħtithom bl-eluf jiġru, bejniethom
imwieżna u marbutin b'rabta ta' mħabba,
min kien xhud ta' għemilu ? Iżernaq għada
u int ma tkunx, eluf ta' ħajjin oħra
miegħek jintemmu, iżda l-egħjun tal-Ħajja
ma jinxfu qatt, u tibqa' sejra n-nisġa
ta' ħajja u mewt, ta' ferħ, ta' lfiq u niket.

.........................................................

Għidli, ma tħossx ġo qalbek u ġo ruħek
xewqa li tisboq kull ma jroddu l-ħlejjaq,
xewqa ta' hena ta' bla tarf li jibqa'
wieqaf bla żmien u ħaj bla temma ?..."

Il-bniedem imġarrab biss jista' jtenni dan il-kliem. Nafu kemm tħabat il-bniedem biex iwieġeb din il-mistoqsija tal-biża', imma meħtieġa. Nafu wkoll li l-Bniedem ġie fid-dinja wara li sar kollox, kif tgħidilna l-Bibbja mwettqa minn Għerf il-Qedem. Minn hekk għandna naraw illi jinħtieġ xi ħaġa jew xi ħadd biex igħarrafna bil-ġrajja ta' qabel il-miġja tal-bniedem. Ħaġa oħra li qiegħda kulljum taħt għajnejna hi illi biex tgħaddi mill-ħażin għat-tajjeb irid ikun hemm xi taqlib li fl-għajnejn jidher li sa jġib il-ħsara. Minn hawn il-gwerer, il-ġlied u ħafna ftietaq oħra. Mela għaliex il-mewt mhix taqliba għall-aħjar? Għaliex it-taħbit tal-ħajja "maħruba f'qasir żmien" m'għandux ikun ukoll għall-aħjar? Il-moħħ tal-bniedem ma jridx jisma' għax jidhirlu li hawnhekk m'għandux ibati u li jifhem kollox, għalhekk il-moħħ tal-poeta bħal ta' ħafna oħrajn, iqum u

"........bħal fuqani
iqum fuq qaddu u jiġbor l-għodda kollha
biex iħares il-jedd li ġieħ mis-sura
ta' min jifhem u jrid."

Iħoss ruħu mifluġ taħt it-toqol tar-*rota* tal-ħajja, imma ma jerħix:

" 'Mela ma tiswa xejn', jokrob, 'il-fehma
li titħaddet ġo ruħi: dawl bla dija
bħal ta' musbieħ il-lejl; jidher fid-dlam
bla ma jsebbaħ ma' dwaru u dlonk jintefa
malli jixgħel dawl ieħor. Daħk u frugħha
kull ma jistenna l-bniedem. Mela ħabbat,
ja qalb, ħabbat u egħja! Kull taħbita
tgerrem dqiqa minn ħajtek: meta l-ħeġġa
tan-nervi li jħaddmuk, tad-demm li jsaħħnek
tintemm u inti tiskot, forsi nkunu
nafu x'hemm moħbi'."

*Forsi* jgħid il-moħħ kburi għax jidhirlu li m'għandux jemmen bla ma jifhem u jibqa' bla faraġ.

Jekk moħħ il-bniedem ma jistax isib faraġ, il-qalb, li hi l-Imħabba, tista' tfarrġu wix-xewqat tagħha għandhom iħeġġu id-dehen tal-Bniedem biex jissokta jgħarbel il-ħolqien u ma jiddejjaqx jekk hemm xi ħaġa mostura.

Jerġa' l-poeta jisma' leħen moħbi,

"bħal id ta' omm għaddiet ratba fuq rasi
u smajt kliem sieber ta' twissija ħelwa."

Din l-omm nistħajjilha l-Knisja Kattolka li b'tagħlimha fejjied traqqad it-taqtigħ il-qalb tal-bniedem, turih imkienu fl-Univers, u tqawwilu qalbu biex jaħdem kemm għar-ruħ u kemm għall-

ġisem, fil-waqt li tqegħidlu quddiemu l-Kristu msallab b'idejh miftuħa mhejji biex jilqa' l-umanità marida:

"Kullħadd imsallab, għaliex Kristu msallab
.............................................Iżda
mhux għalhekk għandu l-bniedem jitlef għaqlu
u jħares ikreh lejn is-sema........ ..."

..................... ..............................

"Għarib il-bniedem fuq din l-art imtarrfa:
daru band'oħra, fejn la tgerrem susa
anqas kamla ma tiekol; fejn il-*Għala*
u l-*Kif* ta' kull ma hu u kull ma jiġri
jidher bla star fid-dawl li hu minn dejjem.
Iżjed la tistaqsix. Jekk trid ġo ħsiebek
is-sliema u l-hena ġewwa qalbek, EMMEN."

Jemmen ikollu l-bniedem biex jithenna. Inkella taħbit għal xejn għaliex ma jistax ikun illi jkun jaf x'hemm fil-għorfa ta' fuq jekk ma jmurx fiha. Il-ħolqien hu mtarraġ: l-ewwel il-materja, mbagħad il-bniedem għaqda tal-materja ma' l-ispirtu u fl-aħħar l-ispirtu li hu fuq il-materja. U biex igħaddi mit-tarġa tan-nofs għat-tarġa ta' fuqha jinħtieġ illi jmut. Il-mewt hija l-mogħdija, iġifieri, jinħtieġ li l-ispirtu jeħles mil-materja li hi il-ġisem. Dan hu tagħlim il-Knisja Kattolika. Bil-kelma EMMEN il-Knisja ma tifhemx ibla' kollox. Il-Knisja trid li t-twemmin ikun imsieħeb mir-raġuni. Xejn m'hemm biex wieħed jistagħġeb għax kull bniedem li jaħseb għandu jara li hemm xi ħadd ogħla minnu li ħalqu flimkien ma' dan kollu li hawn madwarna, u mhux la kemm tifhmu. Emmen u tara kif kollox jiġi f'imkienu u xejn m'hu għal xejn b'xejn, "jien bkejt lil-werqa u xejn ma ħsibt fis-siġra" jgħid Dun Karm. Il-poeta bil-moħħ magħluq u qasir tiegħu deherlu li dik il-werqa mietet għal xejn. X'hemm isbaħ, minn din il-hena msejsa fuq il-fehma u d-dehen u l-imħabba tal-bniedem, meta l-imsejken Foscolo jridna nithennew u noqgħodu b'sabarna, quddiem misterju bħal dan, bil-"ħolma li twaqqafna fil-bieb ta' Dite"? !

F'waqtha waslitlu din it-twiddiba bħalma San Pawl wassal it-tagħlim ta' Kristu f'ħinu lill-għorrief ta' Ruma u ta' Ateni. Il-poeta, mela, nistħajlu xi wieħed barra mill-Knisja qed igħarbel Tagħlimha: għarrex f'dan il-kliem hieni, waqt li jħares lejn il-ħlejjaq kollha u ntebaħ kemm hu sabiħ u għani. Quddiem dan il-kobor bla tarf ħass iċ-ċkunija tiegħu:

"Ħassejtni ċkejken, (għad li l-JIEN ġo ħsiebi
kien għadu jbaqbaq u jgħid kliem imqareb)
ħassejtni ċkejken bħal ma jħossu tfajjel
mitluf minn ommu, u demgħa ċkejkna niżlet
siekta tiżżerżaq ma' ħaddejja."

Ftakar f'ħajtu l-imgħoddija bl-egħmejjel u l-ħidmiet kollha tiegħu li jintemmu qasir. Iżda jekk

"...kollox ħuġġieġa
ta' ward li jiftaħ maż-żerniq filgħodu,
ilellex f'nofs in-nhar u jbaxxi rasu
biex imut filgħaxija"

l-Imħabba ma tmutx.

Għada ħajja l-Imħabba li kien hemm bejnu u bejn ommu

"...jien ħabbejtha
lil din ix-xwejħa fl-hena ta' tfuliti,
fil-milja tar-rġulija u għadni nħobbha
bil-qawwa kollha li tagħtini qalbi,
għalkemm siekta fid-dlam ta' qabar ċkejken.
Le, l-Imħabba ma tmutx."

Dan li ma tmutx l-Imħabba ssokta wettaq dak kollu li qallu dak il- "Leħen moħbi." Il-poeta jsikket kull dubju:

"għax, jekk min sawwar din il-qalb, u fiha
kebbes xewqat akbar miż-Żmien u l-Wisa',
jiċħdilha t-temma, jiċħad lilu n-nifsu,
u mhux ħabib tas-sewwa."

u ħaddan it-tagħlim ta' dak il-"Leħen moħbi" u thenna: spiċċa t-taqtigħ il-qalb u fuqha ġiet is-Sliema. Issa l-poeta fehem kollox u twarrab iċ-ċpar minn għajnejh: jifhem għaliex hawn il-mewt u l-ħajja flimkien. Kollox qed jara f'lewnu u jintebaħ li kollox fih it-tajjeb tiegħu, ukoll dak li l-moħħ magħluq iqis bħala deni. Intebaħ illi tagħlim imsejjes fuq kelmiet il-bniedem hu bħal dar mibnija fuq ir-ramel għaliex ħdejn dak li stqarr Herr Spengler għandna bil-jedd kollu nqegħedu għajdut Kristu: "*Is-sema u l-art igħaddu, iżda l-kelmiet tiegħi ma jgħaddux*". Kliem kollu kemm hu mwettaq mill-istorja mqallba tal-bniedem.

It-tagħlim tal-Knisja ta' Kristu kien li raqqad it-taqtigħ il-qalb tal-poeta tagħna, u dan it-tagħlim irid ikun għall-bniedem biex iħennih. Fil-Knisja biss jista' l-bniedem iżomm id-dinjità tiegħu. Kif igħidilna Joseph Serre, il-Knisja hi r-reliġjon waħdanija li fiha ssib it-tajjeb kollhu ta' kull reliġjon oħra. Biex wieħed iħalli r-reliġjon tiegħu biex isir Kattolku ma jfissirx li sa jwarrab twemminu imma li sa jżid miegħu. Fiha nilmħu dik ir-reliġjon, hekk meħtieġa għal żmenijietna, li flok tifred l-ispirtu mill-materja, tgħaqqadhom flimkien. "Il-Kattoliċiżmu biss hija r-reliġjon għal żmenijietna, li jeħtieġu reliġjon illi tħeġġeġ il-ħidma u tiġġustifika il-progress materjali u soċjali illi sar fl-aħħar mitejn sena" (1).

---

(1) C. Dawson, *Religion and Progress*, p. 251.

Tagħlim ta' fejda bħal dan Dun Karm, il-Poeta Malti, għaraf jiġbor ġo dan il-poema kbir fil-ħsieb u għani fis-sengħa. Dak li ma taniex il-Foscolo tahulna il-poeta Malti. Iqawwi twemminu jkollu minn jaqra dawn il-versi bid-dehen, jew isir jemmen jekk ma jkunx. Barra dan Dun Karm jiġbor ukoll f'dan il-poema l-qofol tal-poeżija kollha li kiteb f'ħajtu u li għadha tiġri ma' demmu. Ġabar Dun Karm fil-poeżija tiegħu dak kollu li hu tajjeb fil-ħajja u fix-xejra Maltija u bena monument lil Qalb Malta u 'l Dinha, li la setgħa ta' żmien w anqas ta' bniedem ma tista' teqred – *aëre perennius*.

K. SANT

(Student tal-Letteratura)

28 – X – 40